**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Chantelle Casha)**

**(Spettur Shaun Pawney)**

**vs**

**Omissis**

**Ali Mohammed Hassan**

**Illum, 24 ta' Mejju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat li Omissis u Ali Mohammed Hassan ta' 33 sena, iben Mohammed u Fathija xebba Abdalla mwieled Palestina nhar l-10 ta' Novembru 1984, u residenti 35, Triq il-Gendus, Valletta u detentur tal-karta ta' l-identità bin numru 46834(A) tressqu taħt arrest u ġew akkużati talli f'Malta u/jew barra minn Malta, f'' Ottubru 2017 u fix-xhur u is-snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Għamiltu atti ta' money laundering billi:-
    a) Ikkonvertejtu jew trasferixxejtu proprjetà meta kontu tafu jew issuspettajtu li dik il-proprjetà kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività' kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;
    b) Ħbejtu jew urejtu ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta kont taf jew issuspettajt li dik il-proprjetà kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;
    c) Akkwistajtu proprjetà, kontu fil-pussess jew u tajtu proprjetà meta kontu tafu jew issuspettajtu li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività' kriminali;
    d) Irritenejtu mingħajr skuża raġonevoli proprjetà meta kont taf jew issuspettajtu li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;
    e) Ittentajtu tagħmlu xi ħwejjeġ jew attivitajiet illegali imsemmija fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) tal-artikolu 2 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373, u dan fit-tifsir tal-artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9;
    f) Agixxejtu bħala kompliċi fit-tifsir ta' l-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) tal-artikolu 2 tal-Att kontra I-Money Laundering, Kapitolu 373;
2. U aktar talli fl-istess ċirkustanzi bil-ħsieb li jestorċu flus jew xi ħaġ' oħra, jew li jagħmlu xi qligħ, jew bil-ħsieb li jġiegħlu lil persuna oħra teżegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, hedded li jagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil, dik il-

persuna jew persuna oħra, u dan f'ċirkostanzi aggravanti minħabba illi l-imsemmi wasal fil-ħsieb tiegħu għad-detriment ta' Carmelo Galea Carmelo Galea ID: 449534(m) minn Ħal Tarxien bi ksur tal- artikolu 250(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta,

3. U aktar talli approprjaw ruħhom, billi dawru bi profitt għalihom jew għall-persuni oħra, is-somma li tammonta għal aktar minn ħamest elef ewro (€5000), liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilhom taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat għad-detriment ta' Carmelo Galea Carmelo Galea ID: 449534(m) minn Ħal Tarxien bi ksur tal- artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta
4. B'mezzi kontra il-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' xi kwalifiċi foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi urew xi ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor għad-detriment ta' Carmelo Galea ID: 449534(m) minn Ħal Tarxien bi ksur tal-artikolu 308, tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta,
5. U aktar fl-istess żmien u ċirkustanzi talli bi ħsara ta' ħaddieħor, għamlu xi qligħ ieħor, b'qerq, ta' aktar minn ħamest elef ewro (€5000), mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel dan is-subtitolu għad-detriment ta' Carmelo Galea Carmelo Galea ID: 449534(m) minn Ħal Tarxien bi ksur tal-artikoli 309 u 3 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta
6. U aktar talli fl-istess żmien u ċirkustanzi kienu fil-pussess ta' jew kellhom taħt il-kontroll tagħhom xi oġġett għall-użu fit-twettiq jew f' konnessjoni ma xi frodi bi ksur tal-artiklu 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
7. U aktar talli fl-istess żmien u ċirkustanzi wettqu reat fuq persuna anzjana jew adult dipendenti u cioe fuq il-persuna ta' Carmelo Galea Carmelo Galea ID: 449534(m) minn Ħal Tarxien liema ħsara hija iktar minn tlett elef Euros (€3000) għad-detriment ta' l-istess Carmelo Galea minn Ħal Tarxien u/jew xi persuni oħra bi ksur tal-artikolu 257D(l)(a) tal-Liġijiet ta' Malta
8. U aktar talli fl-istess żmien u ċirkustanzi Omissis waħedha ikkommettiet serq ta' deheb u/jew oġġetti oħra għad-detriment ta' Carmelo Galea ID: 449534(m) minn Ħal Tarxien liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-

persuna u bil-lok bi ksur tal-artikoli 261 267, 2680), 269, 276A, u 281 (c) tal-Liġijiet ta' Malta

9. U aktar talli laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod ieħor li jkun, indaħlet biex tbiegħhom jew tmexxihom.
10. U aktar talli Omissis waħedha wettqet reat waqt li kienet priġunerija bi ksur tal-artikolu 33(a) tal-kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta
11. U aktar talli Ali Mohamed Hassan waħdu naqas milli jħares xi waħda, w/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dr. C. Stafrace Zammit LLD,) b'digriet datat 30 ta' Novembru 2017 u li permezz tagħhom hija ngħatat il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet.
12. Il-Qorti hija, ġentilment, mitluba sabiex f' każ ta' ħtija, flimkien mal-piena applikabbli għar-reati msemmija, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 08 ta' Awissu 2017 u tordna l-arrest mill-ġdid ta' Ali Mohamed Hassan kif ukoll, li tordna li I-ammonti kolla kemm depożitati u kemm P Garanzija Personali, li ġiet imposta fuqu sabiex jagħmel tajjeb għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
13. U b'hekk irrendew ruħhom reċidivi ai termini tal artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' 1-Att kontra 1-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f’każ ta' ħtija tordna lill-ħatja jħallsu d-danni ai termini ta' 1-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tista', meta jidhrilha xieraq, biex tipprovdi għas-sigurtà ta' Carmelo Galea ID: 449534(M) u jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena appllikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu

nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-qorti dan ai terminu tal-artikolu 383, 384 u 385 tal-kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi 1-piena stabbilita mil-Liġi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex iħallas 1-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jekk ikun il-każ ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, filwaqt li l-Pulizija esebiet il-Fedina Penali ta' 1-imputati, estratt tat-twelid ta' Omissis u PCR details ta' Ali Mohamed Hassan talbu li dan il-każ jiġi nvestigat skont il-Liġi.

Ra li waqt is-seduta tat-22 ta' Ġunju 2018 wara saret korrezzjoni fl-akkużi u l-uffiċjal prosekutur qara bil-ġurament l-akkużi miġjuba kontra l-imputati, huma wieġbu mhux ħatja.

Rat illi fit-18 ta' April 2022 l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputati biex jiġu ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali skont l-artikoli msemmija fin-nota, u wara li waqt is-seduta ta' nhar l-24 ta' Ottubru 2022, il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi x'tipproduċi, nqraw l-imsemmija artikoli, u l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oġġezzjoni li l-kawża tagħhom jitkomplew bil-proċedura sommarja.

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri datat 9 ta' Marzu 2023 li permezz tiegħu dan il-każ ġie assenjat lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta.

Rat illi waqt is-seduta ta nhar l-10 ta Lulju 2023 il-partijiet eżentaw lill-Qorti mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi ġa prodotti.

Rat illi waqt is-seduta tal-21 ta Mejju 2024, l-imputat Mohammed Hassan Ali ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat li wara li l-Qorti spjegat il-portata tal-ammissjoni lill-imputat u l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u wara li tagħat żmien lill-imputat biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu u tat ukoll iż-żmien biex jikkunsidra l-ammissjoni tiegħu mill-ġdid, u għal dan il-għan ipposponiet il-kawża, wara li reġgħet issejħet l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat l-atti proċesswali kollha.

Semgħat it-trattazzjoni tal-avukati difensuri dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, din il-Qorti m'għandiex triq oħra ħlief li tgħaddi għas-sentenza u dan wara l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena li għandha tiġi nflitta fiċ-ċirkostanzi.

Din il-Qorti tqis li l-ħati ammetta ukoll li huwa reċidiv.

Fir-rigward tal-piena din il-Qorti qed tikkonsidra l-fedina penali tal-imputat. Ikkunsidrat ukoll iż-żmien konsiderevoli li l-imputat għamel taħt arrest preventiv.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-iskop tal-piena ma għandux ikun wieħed ta' tpattija. Il-piena ma għandhiex isservi bħala xi forma ta' vendikazzjoni tas-soċjeta' fil-konfront tal-ħati. Pero il-piena għandha diversi skopijiet fosthom li jiġi ripristinat it-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bil-għemil ta' dak li jkun.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41, 42, 250(1)(2), 257D(1)(a), 293, 308, 309, 310(1)(a), 334 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikoli 2, 3 u 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat Ali Mohammed Hassan, detentur tal-karta ta' l-identità bin numru 46834(A) ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, kif minnu ammess, u wara li tagħtu l-addebitu tar-reċidiva tikkundannah għal-piena ta' ħames (5) snin priġunerija effettiva, li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat inżamm taħt arrest preventiv dwar dan il-każ.

A tenur tal-Artikoli 23, 23A u 23B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta, tal-oġġetti u l-mobbli esebiti fl-atti ta' din il-kawża, kif ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli tal-ħati.

Finalment a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali dina l-Qorti qiegħda tordna lill ħati iħallas fi żmien sena mil-lum, nofs l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' l-esperti fil-proċeduri odjerni, ossia l-ammont ta' elf mija tnejn u tmenin Ewro u disa' u disgħin ċenteżmu tal-Ewro (€1,182.99) (Dr Martin Bajada - €1,417.15 / 2 = €708.57 - Asset Management Unit €786.40 / 2 = €393.20 – Dr Maris Mifsud €120.98 / 2 = €60.49 – Identity Malta €41.45 / 2 = €20.73).

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------